# Il-Kappella ta' Loreto fil-Furjana

***Lorenzo Zahra***




Fil-knisja tal-Patrijiet tal-kapuċċini l-Furjana wieħed isib sa mill-bidu tal-bini ta' din il-knisja, kappella tal-Madonna ta' Loretu bi xbieha tassew antika u devota, xhieda ta' kemm dawn il-patrijiet kellhom antikament qima lejn il-Madonna. Il-patrijiet bnew it-tempju fis-sena 1588, fi żmien il-Gran Mastru Verdala. Imma dak iż-żmien il-belt Valletta l-ġdida kienet għadha qed tiġi mħażżna bi swar għad-difiża billi f'għoxrin sena ġa kienet ħadet il-post bħala belt ewlenija tal-Ordni minflok il-Belt Vittoriosa. Il-Kunvent imqiegħed barra s-swar kien xi drabi meqjus li sejjer ikun ta' periklu f'każ ta' invażjoni mill-għadu, għalhekk qrib is-sena 1636 kien beda proġett ta' fortifikazzjonijiet aktar 'il barra mis-swar tal-Belt, tant li l-inġinier Grunemberg fl-1687 ried li l-kunvent jinbena band' oħra.

Fis-sena 1784 il-patrijiet riedu li jkabbru l-kappella tal-Madonna ta' Loretu u talbu lill-Kongregazzjoni tad-difiża biex jieħdu biċċa mill-ġnien li kellhom. Il-patrijiet li kienu jafu bil-problema tad-difiża fir-rikors tagħhom sa wegħdu li f'każ ta' bżonn kienu lesti huma stess iħottu l-bini biex żgur ma jkunux ta' tfixkil għad-difiża.

Intant wara konsiderazzjonijet meħtieġa, il-patrijiet kienu ingħataw il-permess u kien l-Inġinier Tigne flimkien ma' sħabu tal-kongregazzjoni li laqa' t-talba tal-patrijiet.

Sentejn wara l-patrijiet ingħataw ukoll il-permess biex ikunu jistgħu jqattgħu xi ġebel li kellhom bżonn għal xi kmamar u kien l-istess Inġinier Tigne li ffirma l-permessi meħtieġa.

Hekk il-kapella tal-Madonna ta' Loretu kienet tkabbret biex setgħet titkabbar ukoll il-qima lejn il-Madonna ta' Loretu f'dawn il-gżejjer.